MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 91/2007

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Carmelo sive Charles u**
**Josephine konjugi Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** tal-Bank attur ipprezentat fil-5 ta' Frar 2007 fejn wara li ppremetta illi l-Bank attur ikkonceda facilita ta' "Mastercard" lill-konvenut Charles Baldacchino u inforza ta' din il-facilita, Lombard Bank Malta p.l.c. jinsab kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' erba` mija u wiehed u tmenin Liri Maltin disgha u tletin centezmi (Lm481.39) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-facilita` ta' "Mastercard" skond statement hawn anness u mmarkat Dok "A" bl-interessi kkalkolati sas-26 ta' Jannar 2007 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Jannar 2007 sad-data tal-pagament effettiv, illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqaw inadempjenti,

ghalhekk qeghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuti jigu kkundannati ihallsu l-hawn fuq imsemmi ammont ta' Lm481.39 lill-Bank attur, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Jannar 2007 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes kollha, nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorjiipprezentati kontestwalment ma din il-kawza u bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2007 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Ra n-**nota** tal-Bank attur pprezentata fit-28 ta' Mejju 2007 li permezz taghha ceda l-atti tal-kawza fl-imsemmija kawza fuq premessi fil-konfront tal-konvenut Carmelo sive Charles Baldacchino **biss**, dan sabiex jirregola ruhu ahjar filwaqt li jzomm ferm ghal rigward tat-talba u l-hlas ta' l-ispejjes tal-konfront tal-konvenuta l-ohra Josephine Baldacchino kif wkoll tal-interess kif mitlub fit-talba.

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2007 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta Josephine Baldacchino.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2007 dehret il-konvenuta Josephine Baldacchino u wriet ix-xewqa illi tikkontesta t-talba attrici peress illi kull transazzjonijiet li saru, saru bejn il-Bank u r-ragel taghha biss.

Ra illi f'dik l-istess seduta t-Tribunal akkorda tmintax il-jum ghall-prezentata ta' risposta, u ddifferixxa l-kawza ghall-lum ghal dan l-iskop.

Ra illi fis-seduta tal-lum il-konvenuta ma dehritx u fuq kollox naqqset milli tipprezenta risposta.

Sema` lil Philip Saliba illum istanti in rapprezentanza tal-Bank attur jikkonferma illi l-ammont mitlub ghadu dovut kollu.

Ikkunsidra l-atti kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta’ risposta tal-konvenuta u bil-provi prodotti mill-Bank attur, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jastjeni milli jippronunzja ruhu fil-konfront tal-konvenut Carmelo Baldacchino in kwantu illi l-kawza giet ceduta fil-konfront tieghu, jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill- Bank attur is-somma ta’ erba` mija u wiehed u tmenin Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm481.39) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------